MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH BONNICI

Seduta ta' l-24 ta' Frar, 2003

Talba Numru. 504/2002/1

**Joseph u Mabel konjugi Desira**
**Vs**
**John u Carmen konjugi Carabott**

**It-Tribunal**
Wara li ra l-avviz ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' LM295.27c (mitejn u hamsa u disghin lira Maltin u sebgha u ghoxrin centezmi) dovuta lill-atturi bhala dritt tal-appogg bejn proprjeta tal-konvenuti u dik tal-attur fi Triq Sant Antnin, Fgura.

Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata ta' dan l-avviz, sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti li gew ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn iddikjaraw illi fl-ewwel lok l-ammont pretiz mill-atturi huwa esagerat,

Fit-tieni lok jekk jirrizulta illi l-ammont huwa esagerta il-konvenuti ma ghandhomx ibatu spejjes peress illi l-

konvenuti diga offrew somma adegwata bhala dritt ta' appogg.

Bl-ispejjes.

Sema x-xhieda u ezamina d-dokumenti:-

Ikkonsidera:-

Illi huwa ferm preokkupanti kazijiet simili aktar u aktar bejn girien adjacenti ghal xulxin, u meta d-differenza fl-ammonti reklamati miz-zewg partijiet tkun minima. Aktar u aktar meta r-rizoluzzjoni tal-problema tirrigwardja evalwazzjoni ta' natura teknika dipendenti fuq persuni li huma a konoxxenza tal-materja.

Id-differenza bejn il-partijiet hija ta' hamsa u sittin Lira Maltin (Lm65) dipendenti kif il-periti rispettivi tal-partijiet ghamlu l-konteggi taghhom. It-Tribunal jirreferi ghall-Avviz Legali numru. 72 tal-1980 li stabbiliet il-prezzijiet fl-industrija tal-bini rigwardanti konkos u gebel. Jidher illi l-kont kif mahdum mill-konvenut huwa bazat fuq dawn il-prezzijiet stabbiliti b'ligi, liema ligi ghadha 'in vigore' u t-Tribunal huwa marbut li japplika l-ligi.

Minn Lm125 ghal Lm103 hemm Lm22 differenza (singlu pedamenti) u minn Lm232 ghal Lm308 hemm Lm76 differenza (singlu binja) u dejjem bin-nofs. Il-qatran ma giex indikat peress li kien ilu mahruq u maqlugh. Ma giex mizjud pero' l-kont (1%) tal-perit tal-kejl. In vista tal-kondizzjoni mizera tal-hajt minn naha tal-konvenut, tinvolvi somma ohra ta' Lm38 biex jitrangja.

Illi l-attur qed jirreklama wkoll is-somma ta' Lm54 ghal xoghol ta' zmantellar u stallazzjoni ta' 'power points' mill-istess hajt da parti tal-attur. Il-konvenut jikkontesta dan l-ammont billi la kien lilu ndikat mill-attur u wisq anqas kien hemm bzonn peress illi huwa ma hatt xejn izda kompla gholla fuq li sab. Inoltre, dan ix-xoghol sar minn nies tal-attur stess. Jinghad a propositu li x-xoghol sar mill-attur stess ossia minn nies tieghu. Kif wkoll li kien hu stess li

wahhal mal-hajt appoggiandi – biex jinhatt kien hemm in-necessita tal-izmantellar.

Diment li l-konvenut kellu d-dritt li jhott, dak li kien imwahhal mill-gar kien a riskju tieghu billi ma kienx ghas-servizz u/jew utilita' la tal-appoggjandi /u wisq anqas tal-istess hajt. Inoltre, huwa dover li tigi minimizzata kull spiza.

Jigi ritenut allura li s-somma ta' Lm54 mhux dovuta fil-waqt is-somma dovuta bhala appogg tikkonsisti fi Lm176 + Lm9 – Lm38 = Lm147.

Illi l-konvenut jallega fir-risposta tieghu li ma ghandhux jippartecipa bl-ispejjes billi kien offra somma adegwata. Jigi notat zewg fatturi – l-ewwel ma ngabet l-ebda prova – lanqas biss sar accen ghaliha mill-konvenut fix-xhieda tieghu. It-tieni – ma ngabet l-ebda prova u wisq anqas saret ir-riferenza li l-ammont gie depozitat.

Jiddeciedi billi f'dan is-sens jilqa' l-eccezzjoni tal-konvenut u jikkundanna lil-konvneut li jhallas is-somma ta' Lm147 (mija u sebgha u erbghin lira Maltin) lill-attur. In-vista tal-istess, l-ispejjes ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

-------------------------------TMIEM-------------------------------